



0078/2016

12.9.2016

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabiliment ta' programm volontarju ta' Eċċellenza għall-Iskejjel  
Diġitali madwar l-UE kollha

**Brian Hayes (PPE), Deirdre Clune (PPE), Marlene Mizzi (S&D), Miriam Dalli (S&D), Ivan Jakovčić (ALDE), Jozo Radoš (ALDE), Roberta Metsola (PPE), Ivo Belet (PPE), Tom Vandenkendelaere (PPE), Esther de Lange (PPE)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar l-istabbiliment ta' programm volontarju ta' Eċċellenza għall-Iskejjel Diġitali madwar l-UE kollha <sup>1</sup>**

1. L-impjeggi tal-ġejjieni se jirrikjedu taħlita ta' ħliet diġitali u ħliet speċifiċi għan-negozju li s-sistemi tal-edukazzjoni Ewropej għadhom mhumiex jindirizzaw bis-sħiħ.
2. Mill-inqas 100 miljun ċittadin tal-UE bħalissa m'għandhomx ħliet diġitali suffiċjenti, flimkien ma' ġenerazzjonijiet ta' Ewropej li jissopravvalutaw il-ħliet tagħhom. Dan jeħtieġ li jiġi bbilanċjat permezz tat-titjib tal-ħliet diġitali mgħallma liż-żgħażaġh fl-Ewropa.
3. Riċerka taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) turi li l-inugwaljanzi jippersistu fid-disponibilità tal-għodda u l-kontenut edukattiv ibbażat fuq l-ICT, u tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa urġenti għal valur riferenzjarju għall-iskejjel fl-Ewropa kollha biex jilħqu u jqabblu ruħhom miegħu.
4. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma għalhekk mitluba li:
  - a. jikkunsidraw l-istabbiliment ta' qafas volontarju tat-teknoloġija fl-UE kollha, li jippermetti lill-iskejjel jivvalutaw il-prestazzjoni tal-edukazzjoni diġitali tagħhom;
  - b. jippromwovu l-użu tat-teknoloġija fl-aspetti kollha tal-klassi, biex jiżguraw li l-ħliet diġitali huma mibnija waqt li l-istudent jimxi 'l quddiem matul l-edukazzjoni primarja;
  - c. jinkoraġġixxu lis-settur privat biex jappoġġja kwalunkwe inizjattivi għall-iskejjel diġitali, sabiex jittaffa l-piż minn fuq l-iskejjel biex jipprovdu t-teknoloġija approprjata lill-klassijiet.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.